

finanzjarja f'ċerti impriżi, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva.

- 2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-28 ta' Lulju 2011 —
Mediaset vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-403/10 P)

“Appell — Sussidji mogħtija mir-Repubblika Taljana bi ħsieb li tippromwovi x-xiri ta' dekodors diġitali — Nuqqas ta' inklużjoni tad-dekodors li jippermettu r-riċezzjoni ta' programmi televiżivi mxandra bis-satellita — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni”

1. *Proċedura — Rikors promotur — Rekwiżiti proċedurali — Sunt tal-motivi invokati — Assenza — Inammissibbiltà (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 44(1)(c)) (ara l-punti 42-45, 52, 55, 56)*
2. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Kunċett — Natura selettiva tal-miżura — Sussidju għax-xiri ta' dekodors diġitali li jagħtu vantaġġ lix-xandara diġitali terrestri u lill-operaturi bil-kejbil meta mqabbla max-xandara bis-satellita — Inklużjoni (Artikolu 87(1)KE) (ara l-punti 36, 62-65)*
3. *Appell — Aggravji — Evalwazzjoni tal-vantaġġ ekonomiku mogħti minn miżura ta' għajnuna mill-Istat — Motiv li jippresupponi evalwazzjoni tal-fatti li taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Qorti Ġenerali, u hija eskluża, ħlief fil-każ ta' żnaturament, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 58) (ara l-punti 73-77)*
4. *Appell — Aggravji — Motivazzjoni insuffiċjenti — Użu ta' motivazzjoni impliċita mill-Qorti Ġenerali — Ammissibbiltà — Kundizzjonijiet (ara l-punt 88)*

5. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Projbizzjoni — Derogi — Għajnuna li tista' tibbenefika mid-deroga prevista fl-Artikolu 87(3)(ċ) KE — Kundizzjonijiet — Sussidju għax-xiri ta' dekoders diġitali terrestri — Esklużjoni (Artikolu 87(3)(ċ) KE) (ara l-punti 101-104)*
6. *Atti tal-istituzzjonijiet — Motivazzjoni — Obbligu — Portata — Deċiżjoni tal-Kummissjoni fl-qasam tal-għajnuna mill-Istat — Karatterizzazzjoni tal-effett ħażin fuq il-kompetizzjoni u tal-effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri (Artikoli 87(1) KE u 253 KE) (ara l-punti 111, 113, 115)*
7. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Irkupru ta' għajnuna illegali — Applikazzjoni tad-dritt nazzjonali — Kundizzjonijiet u limiti (Artikolu 88 KE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikolu 14(1)) (ara l-punti 122, 123)*
8. *Għajnuna mogħtija mill-Istati — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-inkompatibbiltà ta' għajnuna mas-suq komuni u li tordna l-ħlas lura tagħha — Possibbiltà għall-Kummissjoni li tħalli lill-awtoritajiet nazzjonali l-inkarigu li jikkalkolaw l-ammont preċiż li għandu jitħallas lura — Ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali — Assenza (Artikolu 88 KE; Regolament tal-Kunsill Nru 659/1999, Artikolu 14(1)) (ara l-punti 126-128)*

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla), tal-15 ta' Ġunju 2010, Mediaset vs Il-Kummissjoni (T-177/07), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors intiż għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2006) 6634 finali, tal-24 ta' Jannar 2007, li tiddikjara bħala inkompatibbli mas-suq komuni s-sussidji mogħtija mill-Italja, fl-2004 u fl-2005, intiżi sabiex il-konsumaturi jixtru jew jikru dekoders diġitali interattivi li jippermettu r-riċezzjoni ta' programmi permezz tat-teknoloġija diġitali terrestri jew bil-kejbil, għaliex dawn jeskludu d-dekoders li jippermettu r-riċezzjoni ta' programmi permezz tat-teknoloġija tax-xandir televiżiv bis-satellita (Għajnuna Nru C 52/2005, ex NN 88/2005, ex CP 101/2004).

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Mediaset SpA hija kkundannata kemm għall-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u minn Sky Italia Srl.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-28 ta' Lulju 2011 — Il-Kummissjoni vs L-Awstrija

(Kawża C-548/10)

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2007/2/KE — Politika tal-ambjent —
Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) —
Skambju u aġġornament ta’ data f’format elettroniku — Traspożizzjoni inkompleta”

*Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja —
Sitwazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-
terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 258 TFUE) (ara l-punt 10)*

Suġġett

Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu - Nuqqas li jadotta jew jikkomunika, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta’ Marzu 2007, li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, p. 1).